EHEAROME2020

# Komunikat Ministerjali ta’ Ruma

## ANNESS III

EUROPEAN
Higher Education Area

bologna process

ITALIAN BFUG SECRETARIAT
2018-2020

Translated within the Erasmus+ project "IN-GLOBAL Enhancing Knowledge of the EHEA and Global Dialogue" in 2023.

The original version of the Rome Communiqué and its annexes are available on the website of the European Higher Education Area:
https://ehea.info/page-ministerial-conference-rome-2020

Co-funded by
the European Union

Funded by the European Union. Views and opinions expressed are however those of the author(s) only and do not necessarily reflect those of the European Union or the European Education and Culture Executive Agency (EACEA). Neither the European Union nor EACEA can be held responsible for them.

EHEAROME2020

# Rakkomandazzjonijiet lill-Awtoritajiet Nazzjonali għat-Titjib tat-Tagħlim tal-Edukazzjoni Għolja fl-EHEA.

Imħejji mill-Grupp Konsultattiv 2 tal-BFUG dwar it-Tagħlim.

Fil-Komunikat Ministerjali ta' Pariġi tal-2018, il-Ministri ħabbru ż-żieda ta' "kooperazzjoni fi prattiki innovattivi ta' tagħlim bħala karatteristika oħra tal-EHEA".

Għal dan il-għan ir-rakkomandazzjonijiet preżenti għal azzjoni, sabiex tissaħħaħ il-kollaborazzjoni u s-sħubija fi ħdan u bejn is-sistemi Ewropej tal-edukazzjoni ogħla, huma proposti lill-Ministri u lill-awtoritajiet nazzjonali.

Ir-rakkomandazzjonijiet jirrispettaw bis-sħiħ il-valuri fundamentali tal-EHEA, l-aktar reċentement espressi fil-Komunikat ta' Pariġi tal-24-25 ta' Mejju 2018 kif ġej: "Libertà akkademika u integrità, awtonomija istituzzjonali, parteċipazzjoni tal-istudenti u tal-persunal fil-governanza tal-edukazzjoni ogħla, u responsabbiltà pubblika għal edukazzjoni ogħla jiffurmaw is-sinsla tal-EHEA."

Il-kuntest tal-kriżi tas-saħħa tal-Covid-19 jissottolinja aktar l-importanza tar-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp f'diversi aspetti. Partikolarment rilevanti huma dawk dwar il-ħtieġa għal innovazzjoni pedagoġika u żvilupp ulterjuri tal-edukazzjoni onlajn u riżorsi edukattivi miftuħa, kif ukoll dawk dwar it-tisħiħ tar-rabta bejn ir-riċerka edukattiva u t-tagħlim.

Ir-rakkomandazzjonijiet miġbura fil-qosor hawn taħt huma strutturati madwar il-ħtieġa għal tagħlim iċċentrat fuq l-istudenti, it-titjib tat-tagħlim, u l-importanza ġenerali tad-djalogu nazzjonali u internazzjonali li jinvolvi l-partijiet interessati kollha. Dawn it-tliet temi huma interkonnessi u ugwalment importanti.

Ir-rakkomandazzjonijiet jissottolinjaw ukoll l-importanza kruċjali tat-tisħiħ tal-għodod ta' Bolonja, speċjalment l-ECTS, biex jindikaw ir-riżultati tat-tagħlim miksuba u l-ammont ta' xogħol assoċjat magħhom, u l-impenji ewlenin l-oħra ta' Bolonja. L-awtoritajiet pubbliċi inkarigati mill-edukazzjoni ogħla għandhom jimpenjaw ruħhom:

**1.** Li jagħmlu t-tagħlim iċċentrat fuq l-istudenti realtà, billi:

- jappoġġaw lill-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni ogħla fl-isforzi tagħhom biex jibdew jew iżommu djalogu strutturat dwar l-innovazzjoni u t-titjib tat-tagħlim, li jinvolvu studenti, għalliema u anki partijiet interessati esterni rilevanti. Il-kwistjonijiet indirizzati għandhom jinkludu l-iżvilupp tal-kurrikuli, ir-riżultati tat-tagħlim, il-valutazzjoni u l-assigurazzjoni tal-kwalità, b'kunsiderazzjoni xierqa għall-ħiliet meħtieġa biex jiġu indirizzati l-isfidi attwali u futuri tas-soċjetà;
- jippromwovu, fi ħdan korsijiet dixxiplinarji, tal-iżvilupp ta' soft skills, u l-ħiliet meħtieġa għaċ-ċittadin illuminat tas-seklu 21, sabiex jifhem l-isfidi ta' dinja kumplessa u jirrispetta lill-oħrajn u lill-ambjent;
- jesploraw modi biex jiġi stimulat l-iskambju transkonfinali ta' prattiki tajba għall-appoġġ tat-titjib ta' tagħlim u tagħlim ta' kwalità, filwaqt li jenfasizzaw metodi attivi;
- joħolqu ambjent ta' appoġġ, kemm f'termini ta' finanzjament kif ukoll ta' regolamentazzjoni, li jippermetti lill-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni ogħla jfasslu l-provvista tal-edukazzjoni għall-ħtiġijiet ta' tipi differenti ta' studenti (studenti tul il-ħajja, studenti part-time, studenti minn gruppi sottorappreżentati u żvantaġġati), u biex tinbena kultura għall-ekwità u inklużjoni. Dan jinkludi l-ħolqien ta' mogħdijiet ta' tagħlim flessibbli (inklużi mikro-kredenzjali) fuq livelli istituzzjonali u nazzjonali u madwar l-EHEA, u biex jesploraw opportunitajiet offruti mit-teknoloġiji diġitali biex jagħmlu dan;

- l-inkoraġġiment u l-appoġġ għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' strateġiji nazzjonali u istituzzjonali u approċċi għall-Edukazzjoni Miftuħa u l-użu tar-Riżorsi Edukattivi Miftuħa;
- jistimulaw lill-istudenti biex ikunu mobbli lil hinn minn ftehimiet predefiniti minn università għal università.

**2.** Li jitrawwem titjib kontinwu tat-tagħlim, billi:

- jippromwovu t-twaqqif ta' timijiet edukattivi li jinkludu kemm persuni akkademiċi kif ukoll persunal responsabbli biex jgħinuhom jew iħarrġuhom fil-missjonijiet tagħhom (timijiet istituzzjonali u/jew interistituzzjonali);
- jappoġġjaw l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni ogħla fit-titjib tal-iżvilupp professjonali kontinwu (CPD) tal-għalliema u l-iskambju (transkonfinali) ta' prattiki tajba. Miżuri ta' żvilupp interistituzzjonali tal-persunal u l-ħolqien ta' strutturi nazzjonali kooperattivi jistgħu jitqiesu bħala modi biex jittejjeb is-CPD;
- jappoġġjaw l-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni ogħla fil-ħolqien ta' ambjent sostenibbli u ta' appoġġ fuq livelli istituzzjonali u nazzjonali għat-trasformazzjoni, speċjalment diġitali, ta' tagħlim ta' kwalità. Ambjent bħal dan għandu jinħoloq b'kollaborazzjoni mal-persunal responsabbli biex jgħallem, u għandu jinkludi qafas b'kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti, ammont ta' xogħol maniġġabbli, kif ukoll opportunitajiet attraenti ta' kariga;
- jassiguraw, b'kollaborazzjoni ma' l-istituzzjonijiet ta' l-edukazzjoni ogħla (li mistennija jinvolvu lil dawk kollha responsabbli għat-tagħlim), miżuri strutturali li jiżguraw l-ugwaljanza ta' rispett lejn it-tagħlim u r-riċerka. Jekk meħtieġ, l-iskemi tal-karrieri akkademiċi għandhom jiġu riveduti biex jiġi żgurat rikonoxximent aħjar għat-tagħlim fil-karrieri akkademiċi;
- jesploraw, f'kollaborazzjoni mal-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni ogħla, modi biex jitrawmu metodi ta' tagħlim ġodda u innovattivi, b'enfasi fuq approċċi inter- u multidixxiplinarji, tagħlim ibbażat fuq ir-riċerka, użu xieraq ta' analitiċi tat-tagħlim u edukazzjoni miftuħa, u dan fost approċċi innovattivi oħra.

**3.** Li jissaħħu l-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni ogħla u l-kapaċità tas-sistemi sabiex itejbu t-tagħlim, billi:

- jinkludu t-titjib tat-tagħlim fi strateġiji u approċċi nazzjonali tal-edukazzjoni ogħla. It-tfassil u l-implimentazzjoni ta' strateġiji u approċċi bħal dawn għandhom iservu bħala bażi għal djalogu strutturat u kontinwu ma' istituzzjonijiet ta' edukazzjoni ogħla u partijiet interessati oħra fil-komunità tat-tagħlim;
- jappoġġjaw l-iżvilupp strateġiku u l-kapaċità ta' innovazzjoni tat-tagħlim kemm fil-livelli nazzjonali kif ukoll istituzzjonali, permezz ta' riċerka edukattiva empirika, proġetti u proġetti piloti, u l-ġbir u l-użu ta' data dwar l-edukazzjoni, filwaqt li tiġi rispettata l-privatezza tad-data;
- jesploraw modi biex jiġi stimulat u appoġġjat l-iskambju transkonfinali ta' prattiki tajba fil-livell nazzjonali u madwar l-EHEA, pereżempju permezz ta' pjattaformi għall-iskambju u l-kooperazzjoni;
- jallokaw fondi u riżorsi xierqa u stabbli, u l-adozzjoni ta' oqfsa regolatorji adattati għall-iskop meta meħtieġ, sabiex l-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni ogħla ikunu jistgħu jiżviluppaw ambjenti ta' tagħlim innovattivi u ta' kwalità għolja.

Il-Grupp ta' Segwitu ta' Bolonja, fil-pjan ta' ħidma li jmiss tiegħu, huwa mitlub jappoġġa l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet dwar it-tagħlim bil-ħsieb li jinkiseb progress konġunt fl-EHEA, u biex jirrapporta dwar ir-riżultati fil-qafas tar-Rapport ta' Implimentazzjoni tal-Proċess ta' Bologna 2024.

Co-funded by
the European Union

This translation is co-funded by the European Union. Views and opinions expressed are however those of the author(s) only and do not necessarily reflect those of the European Union or the European Education and Culture Executive Agency (EACEA). Neither the European Union nor EACEA can be held responsible for them.

EUROPEAN
Higher Education Area

bologna
process

ITALIAN **BFUG** SECRETARIAT
**2018-2020**